



Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2017/2052(INI)

15.1.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020
(2017/2052(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marian-Jean Marinescu

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza li l-unjoni tal-enerġija tkun ikkompletata b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, flimkien mat-tkompli tas-suq uniku diġitali, l-unjoni tas-swieq kapitali u ż-żona Ewropea tar-riċerka, bħala elementi fundamentali tas-suq uniku; jenfasizza li l-politika ta' riċerka u innovazzjoni hija komponent strateġiku kruċjali tal-politiki industrijali, diġitali u tal-enerġija, u , u jissottolinja l-ħtieġa li jkunu allokat r-riżorsi baġitarji meħtieġa għaliha;
2. Ifakkar li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, li jkopri l-perjodu 2014-2020, kien jinvolvi inqas minn 1 % tal-introjt nazzjonali gross f'pagamenti tal-Istati Membri u kien jirrappreżenta tnaqqis drastiku meta mqabbel mal-QFP preċedenti, fatt li mmina l-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali u l-prinċipju ta' solidarjetà fi ħdan l-UE; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kriżi ekonomika u soċjali li laqtet lill-Istati Membri altru li ma spiċċatx, filwaqt li jeħtieġ ukoll li jkunu indirizzati prijoritajiet, sfidi u kriżijiet mhux mistennija ġodda; iqis, għalhekk, li l-baġit tal-QFP wara l-2020 għandu jizjed meta mqabbel mal-perjodu attwali; jstieden lill-Kummissjoni ssawwar il-QFP li jmiss b'tali mod li jirrifletti biċ-ċar kemm il-prijoritajiet eżistenti kif ukoll dawk ġodda u jippermetti reazzjoni għall-kriżijiet mhux mistennija; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-prijoritajiet il-ġodda għandhom jiġu ffinanzjati minn fondi ġodda mingħajr ma jiġu pperikolati l-għanijiet u l-programmi ta' politika fit-tul;
3. Iqis li hija prijorità li jingħalqu, flimkien mar-regolament dwar il-QFP wara l-2020, il-fajls ta' politika Ewropej kollha ta' wara l-2020 qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019; jstieden lill-Kummissjoni tressaq, mill-aktar fis possibbli, proposti għall-politiki Ewropej kollha, ibbażati fuq ir-regolamenti attwalment fis-seħħ u aġġornati wara l-applikazzjoni fil-QFP attwali, bil-ħsieb li jiġi evitat dewmien fl-ipprogrammar u fl-implimentazzjoni għall-perjodu l-ġdid;
4. Jemmen li l-QFP li jmiss għandu jiffoka primarjament fuq oqsma u proġetti b'valur miżjud Ewropew ċar, fuq oqsma li jstimulaw l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid, it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-innovazzjoni reali, u li jagħtu spinta lill-impjiegi, bħalma hu l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I), bil-għan li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, fost l-aqwa fid-dinja u bbażata fuq l-għarfien;
5. Jenfasizza li għandu jiġi garantit finanzjament suffiċjenti biex tkun appoġġata l-istrateġija ta' politika industrijali sostenibbli l-ġdida sabiex l-UE tkun tista' tirrifletti ż-żieda dejjem akbar fil-kompetizzjoni u fl-innovazzjoni fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, kif ukoll l-ekoloġizzazzjoni fi bnadi oħra tad-dinja u tkun tista' tassumi rwol ta' tmexxija fil-livell dinji fl-oqsma tas-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija b'livelli baxxi tal-karbonju; jitlob sabiex jiġu salvagwardjati u estenzi l-programmi finanzjarji meħtieġa permezz ta' programmi ta' investiment iddedikat u ottimizzati u finanzjament li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' strateġija industrijali komprensiva mfasla għas-setturi industrijali kruċjali tal-UE kkoordinati mal-politiki għall-ambjent tal-UE;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi finanzjament għall-innovazzjoni mmirat lejn l-iżvilupp tal-infrastruttura u ta' soluzzjonijiet ta' plug-in u ta' ħżin għall-idroġenu u l-vetturi elettriċi u biex tkompli tappoġġa u tiżviluppa ulterjorment inizjattivi bħalma huma l-inizjattiva tal-elettromobilità fl-Ewropa kollha u l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;
7. Ifakkar fil-valutazzjoni li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-impenn, min-naħa tal-UE, li s'issa baqa' ma ġiex onorat, biex tuża 20 % tal-baġit tagħha fuq l-azzjoni klimatika; itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar il-fatt li politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", it-tnaqqis fl-emissjonijiet, ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, is-sorsi tal-enerġiji rinnovabbli u l-infrastrutturi intelliġenti u moderni għandhom ikunu s-sinsla tal-unjoni tal-enerġija u għalhekk għandhom jingħataw prijorità fil-QFP li jmiss;
8. Iqis li, fil-perjodu tal-QFP li jmiss, għandu jkun previst finanzjament akbar tal-UE, li jinkludi l-fondi strutturali u ta' investment, bil-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-UE, u biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-miri dwar il-klima tal-UE bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment għal proġetti importanti ta' infrastruttura tal-enerġija bħal proġetti ta' interess komuni (PCIs);
9. Jenfasizza l-importanza ta' appoġġ komprensiv għal reġjuni b'użu intensiv tal-faħam u tal-karbonju fi tranżizzjoni sabiex tkun appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, tal-grilji, u ta' teknoloġiji tal-ġbir, il-ħżin u l-użu tal-karbonju, speċjalment f'setturi industrijali, kif ukoll l-immodernizzar tat-tiżnin distrettwali; iqis li t-trasformazzjoni tas-settur enerġetiku, fid-dawl tal-oġettivi ambizzjużi relatati mal-klima, għandha tiddependi fuq il-mobilizzazzjoni tal-fondi eżistenti jew il-ħolqien ta' fond għat-tranżizzjoni enerġetika fl-ambitu tal-QFP li jmiss, biex b'hekk ikunu ffaċilitati l-bidliet strutturali fl-industriji li jużaw ħafna enerġija u fl-impjanti tal-produzzjoni tal-elettriku li jużaw ħafna karbonju u jkunu inċentivati investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u soluzzjonijiet innovattivi sostenibbli;
10. Iqis li jeħtieġ li jkunu allokat i rżorsi suffiċjenti sabiex l-Unjoni tal-Enerġija tiffunzjona sew u sabiex issir fattibbli l-interkonnessjoni tan-netwerk tal-UE, jiġu ristrutturati u estiżi l-grilji ta' trasport u ta' distribuzzjoni u jkunu ġestiti d-domanda, il-provvista u l-ħażna tal-enerġija fi ħdan l-UE; jenfasizza l-importanza li l-Ewropa tkun konnessa maż-żona tal-Baħar Kaspju, mal-Lvant Nofsani u mal-Asja Ċentrali u li jsir investment fil-Kuritur tal-Gass tal-Lvant tal-Mediterran bil-għan li titnaqqas id-dipendenza mill-gass Russu; itenni l-bżonn li tissaħħaħ il-kooperazzjoni multilaterali fil-qasam enerġetiku fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tkun aġġornata u ssir aktar effettiva u ambjentalment sostenibbli biex jiġu kkompletati l-kollegamenti pendenti fl-infrastruttura diġitali u tal-enerġija tal-Ewropa b'appoġġ għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja u sostenibbli; jappella biex tingħata prijorità lill-proġetti orizzontali fi ħdan in-netwerks Ewropej li jgħaqqdu l-proġetti ta' infrastruttura, diġitali, tal-enerġija u tat-trasport;
12. Jinnota t-tendenza reċenti ta' żieda fl-użu tal-istrumenti finanzjarji; itenni li, fil-QFP li jmiss, l-istrumenti finanzjarji ma jistgħux jissostitwixxu l-ġhotjiet ta' finanzjament għar-

riċerka u l-innovazzjoni, l-effiċjenza tal-enerġija, l-isforzi biex ikunu indirizzati l-faqar, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji innovattivi fl-ambitu tal-enerġija konvenzjonali, peress li l-għotjiet jipprovdu fondi stabbli, jimmassimizzaw il-produzzjoni fuq il-post u jiżguraw l-involvement usa' tal-partijiet ikkonċernati inklużi d-dinja akkademika, iċ-ċentri ta' riċerka, l-awtoritajiet pubbliċi lokali, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini; jisħaq barra minn hekk fuq l-importanza tal-investment f'teknoloġiji inqas maturi, partikolarment fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli;

13. Ifakkar fl-importanza li jkun żgurat finanzjament għall-ikkompletar tas-suq uniku diġitali bl-użu sħiħ tal-ispettru, tal-5G u tal-konnettività tal-internet u billi jsir aktar progress dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli tat-telekomunikazzjoni tal-UE biex ikun stabbilit il-qafas regolatorju t-tajjeb li jsaħħaħ il-konnettività tal-internet fl-Unjoni kollha, inkluż f'żoni rurali remoti; jistieden lill-Kummissjoni ttipprovi l-appoġġ meħtieġ biex jitneħħew l-ostakli tal-lingwa u tinċentiva investment li jgħin biex tinbena Soċjetà Ewropea tal-Gigabits sal-2025; jenfasizza li kwalunkwe tali finanzjament għandu jiffoka fuq "Spina Diġitali" li twassal infrastruttura ta' fibra u konnettività backhaul lil komunitajiet aktar imbiegħda, u b'hekk ttipprovi konnessjonijiet gigabit tal-ogħla kwalità għall-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi, kif ukoll stazzjonijiet bażi tat-telefonija mobbli bħala appoġġ għall-5G fil-livell lokali;
14. Jenfasizza wkoll il-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni aħjar bejn l-istrumenti tal-UE relatati mal-investment, inkluż fl-innovazzjoni, l-għarfien, il-ħiliet, u l-aċċess għas-swieq għall-SMEs u n-negozji ġodda; jenfasizza l-importanza tal-finanzjament kontinwu għall-programmi relatati mal-SMEs, bħall-istrument għall-SMEs u l-programm COSME, mingħajr impedimenti għall-programmi l-oħrajn, bil-għan li jkomplu jżiedu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-SMEs fl-Unjoni Ewropea;
15. Jenfasizza l-importanza tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkomunika aħjar l-impatt tal-programmi l-ġodda tagħha;
16. Ifakkar li l-Istati Membri f'fissaw l-oġettiv li jilhq 3 % tal-PDG fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, u żewġ terzi minn dan l-ammont għandhom jiġu mis-settur privat; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw l-impenji nazzjonali tagħhom fil-qasam tar-R&Ż bil-għan li jilhq dan l-oġettiv; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investimenti nazzjonali fir-R&Ż; jenfasizza li l-istrumenti bħall-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki għandhom jintużaw aktar biex titjeb l-effiċjenza tas-sistemi ta' riċerka nazzjonali; jappella għal regoli li jiffaċilitaw is-sinerġiji bejn l-FP9 tal-ġejjieni u l-baġits nazzjonali, taħt il-koordinament tal-Kummissjoni;
17. Itenni s-sejħa tiegħu għal baġit kumplessiv miżjud ta' mill-inqas EUR 120 biljun għall-FP9 bil-għan li tkun tista' tingħata risposta għall-isfidi soċjetali, ikunu assigurati l-kompetittività globali tal-Ewropa kif ukoll ir-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ambitu xjentifiku u industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni, u sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE fil-qasam tal-klima; jitlob barra minn hekk enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' impriżi konġunti kif ukoll li jkun appoġġati investimenti f'teknoloġiji kruċjali biex tkun eliminata d-diskrepanza fl-investment fil-qasam tal-innovazzjoni; jappella b'mod partikolari li jsiru sforzi sabiex jiġu stimolati inizjattivi innovattivi emerġenti li kapaċi joħlqu s-swieq ġodda partikolarment għall-SMEs;

18. Jilqa' l-isforzi min-naħa tal-Kummissjoni intiżi li jissempifikaw il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; jitlob li dawn l-isforzi jinżammu għall-FP9 sabiex jipprovdu aċċess aħjar u kundizzjonijiet ekwi għall-applikanti mill-Istati Membri kollha permezz ta' sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet abbażi tal-valur miżjud u ta' riżultati possibbli tal-proposti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk iż-żieda fl-użu tal-ammonti f'daqqa hijiex l-aħjar għażla għall-benefiċjarji u għall-awdituri; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' approċċ tal-awditjar uniku u aċċettazzjoni akbar tal-prattiki kontabilistiċi tal-benefiċjarji iwasslu għal semplifikazzjoni importanti għall-benefiċjarji tal-Programm Qafas; jemmen li l-approċċ minn isfel għal fuq għandu jissaħħaħ fil-Programm Qafas li jmiss, peress li dan jgħin biex tingħata spinta lill-innovazzjoni; jenfasizza li l-investment f'infrastruttura xjentifika u teknoloġika huwa essenzjali biex jiġġenera R&I eċċellenti; jissottolinja s-suċċess tat-tikketta tas-Siġill ta' Eċċellenza;
19. Jenfasizza l-importanza tal-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni tiegħu (KKI), li jeħtieġu riżorsi adegwati biex ikomplu jiżviluppaw l-azzjonijiet tagħhom fl-edukazzjoni, biex irawmu negozji ġodda u biex jappoġġaw l-innovazzjoni li tikkontribwixxi għas-saħħa tan-nies, għat-tranżizzjoni tal-enerġija, għad-diġitalizzazzjoni u għall-azzjoni klimatika, fost l-oħrajn, u biex jirrispondu għall-isfidi ewlenin għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha;
20. Jemmen bil-qawwa, li l-allokazzjoni tal-baġit għas-saħħa – fattur determinanti bażiku għall-kwalità tal-ħajja u l-benessri – trid tkun oġġla fl-FP9 minn dik fl-Orizzont 2020, u li l-ammonti meħtieġa għandhom jiġu allokatu għall-mekkaniżmi li jiżguraw il-prijoritizzazzjoni tal-bżonnijiet tar-riċerka pubblika u ritorn ġust fuq l-investment għall-pubbliku. jirrimarka li l-fatturi determinanti tas-saħħa huma wiesgħa u jinkludu l-ikel, l-ambjent, u l-istil ta' ħajja, fost oħrajn; jappella, għalhekk, għal approċċ ta' "Saħħa Waħda" inkluż fil-politika dwar ir-R&Ż;
21. Iqis li taħlita ta' għotjiet u strumenti finanzjarji innovattivi marbuta mal-innovazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-infrastruttura tal-enerġija, inkluż il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett u tistimula u tiżgura l-finanzjament privat;
22. Jappella sabiex il-FEIS ikun rivedut b'mod li jissodisfa r-rwol tiegħu f'termini ta' addizzjonalità ekonomika, li jwassal għal proġetti b'esternalitajiet pożittivi iżda li jippreżentaw riskji ikbar minn dak li s-settur privat ikun lest li jiffaċċja waħdu, u li jagħmilha possibbli li jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u s-suq u tingħata attenzjoni fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni tas-suq; jitlob li r-rwol u l-kapaċità taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti jissaħħaħ b'mod sostanzjali, partikolarment permezz ta' rwol proattiv fit-tnejja tal-proġetti; ifakkar li l-finanzjament tal-FEIS taħt il-QFP li jmiss m'għandux iwassal għal impatti finanzjarji negattivi fuq programmi oħra;
23. Jappella lill-Kummissjoni tiżviluppa, permezz tal-QFP, qafas ta' politika industrijali komprensiv, koerenti u fuq perjodu twil li jiffaċilita finanzjament għall-industriji kulturali u kreattivi, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tagħhom u jkun jistgħu jwettqu l-potenzjal tagħhom f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u ta' tkabbir għall-benefiċċju tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm aktar rabtiet bejn il-Programm Qafas għar-R&I u l-programm Ewropa Kreattiva; jappella lill-Kummissjoni tikkonforma mal-Artikolu 167(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi l-industriji kulturali u

kreattivi (CCIs) bħala prijorità orizzontali fi ħdan l-iskemi u l-programmi ta' finanzjament tal-UE, partikolarment fil-Programm Qafas għar-R&I, il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-FSIE;

24. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fil-QFP li jmiss, tipproponi proċeduri regolatorji ħalli tiffaċilita, tħeġġeġ u tikkoordina – bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE – sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Ewropa Kreattiva u l-Orizzont 2020 għal proġetti relatati mar-R&Ż li jistgħu jikkontribwixxu biex tinbena l-kapaċità tal-innovazzjoni f'reġjuni bi prestazzjoni baxxa; jitlob involviment aktar attiv tal-Kummissjoni kemm fil-koordinazzjoni tal-proġetti R&Ż fost il-fondi differenti Ewropej b'intestaturi differenti, inklużi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti kif ukoll fir-reviżjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;
25. Jenfasizza li l-baġit tal-UE li jmiss għandu jinkludi finanzjament suffiċjenti relatat mal-ispazju biex jitkomplew u jiġu żviluppatti iktar il-programmi spazjali Galileo, EGNOS u Copernicus, b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-utenti emerġenti u l-prijoritajiet politiċi tal-UE, partikolarment b'żieda fiċ-ċibersigurtà u filwaqt li jkun koperti programmi ta' llanċjar, teknoloġiji ġodda u s-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST);
26. Jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament relatat mal-ispazju fl-FP9 għandu jkun oġġha minn dak fl-Orizzont 2020 u li għandhom jiġu allokati l-ammonti meħtieġa għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) futura dwar materjali innovattivi għal apparat spazjali u għall-irtirar mill-orbita, bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-innovazzjoni spazjali tal-UE; jitlob l-istabbiliment ta' programm ta' komunikazzjoni governattiva bis-satellita (GOVSATCOM) integrat li jiżgura servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita kosteffettivi u siguri għall-awtoritajiet pubbliċi Ewropej; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li ilu jħaddan li l-qafas ta' appoġġ tal-SST għandu jiġi kkonvertit fi programm tal-Unjoni u li l-kompetenzi tiegħu għandhom jiġu estiżi, u jqis li l-baġit allokati għal din l-attività għandu jżied kif xieraq;
27. Jiġbed l-attenzjoni għall-Fond Ewropew għad-Difiża u l-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal programm ta' żvilupp industrijali tad-difiża Ewropea li huwa maħsub li jkopri l-perjodu 2019–2020; jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta kemm programm ta' żvilupp industrijali tad-difiża aktar sostanzjali kif ukoll programm li jappoġġa r-riċerka dwar id-difiża għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha bil-ħsieb li tagħti bidu għal żviluppi teknoloġiċi li jistgħu mbaġħad jilħqu partijiet oħra tas-soċjetà; iqis li fil-QFP li jmiss il-programmi relatati mad-difiża għandhom jiġu ffinanzjati minn riżorsi addizzjonali u għalhekk ma għandhomx jaffettwaw l-ambizzjonijiet baġitarji tal-programmi eżistenti;
28. Itenni l-pożizzjoni tal-Parlament li kull impenn politiku ġdid għandu jiġi ffinanzjat b'approprjazzjonijiet ġodda u mhux permezz ta' strumenti ta' flessibilità jew riallokazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet minn programmi eżistenti; jitlob li jiġu salvagwardjati riżorsi suffiċjenti għall-programmi eżistenti li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat ITRE tal-Parlament;
29. Ifakkar fl-importanza li tissaħħaħ il-flessibilità li tippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali sabiex jingħata rispons għal sitwazzjonijiet mhux previsti; jenfasizza madankollu li r-rikors intensiv għall-istrumenti ta' flessibilità tal-QFP mhuwiex l-aħjar mod biex jiġu ffaċċjati kriżijiet ikkomplikati li x'aktarx jippersistu; jinsab konvint li hu

essenzjali li jkunu introdotti riżorsi proprji u introjti ġodda tal-UE fil-baġit tal-UE sabiex il-QFP li jmiss jinġieb flivell li jikkorrispondi mal-bżonnijiet attwali u mal-ambizzjonijiet politiċi tal-Unjoni f'oqsma relatati mal-ITRE; jesiġi li jitqiesu serjament l-għażliet proposti fir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji; jappella għall-istabbiliment ta' rabta bejn il-finanzjament tal-baġit tal-UE u l-oqsma ta' politika fejn l-UE ġġenerat tnaqqis fil-prezzijiet bħal pereżempju l-politiki dwar l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, bħala l-aktar approċċ effiċjenti u newtrali għas-suq;

30. Jinnota li l-QFP li jmiss se jkollu jikkunsidra t-tluq tar-Renju Unit mill-UE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-baġit tal-UE; jesprimi x-xewqa li l-programmi tal-UE fi ħdan il-mandat tal-Kumitat ITRE jkunu jistgħu jibqgħu għaddejjin mingħajr ma jiġu affettwati u li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi ssodisfata din ix-xewqa;
31. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-valutazzjonijiet kollha tal-politiki u l-istrumenti finanzjarji differenti tagħha, inklużi l-istrumenti finanzjarji u l-fondi relatati mal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati, u biex dawn l-evalwazzjonijiet jintużaw meta jkun qed jitħejja l-QFP il-ġdid;
32. Ifakkar li l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) ġew fdati b'responsabbiltajiet akbar u b'hekk hemm bżonn ta' riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-kompiti kollha tagħhom, kemm dawk preċedenti kif ukoll dawk ġodda; jenfasizza li l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) jeħtieġu wkoll riżorsi adegwati sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom kif xieraq u b'mod effiċjenti; jitlob finanzjament u persunal suffiċjenti għall-aġenziji kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' ITRE, sabiex dawn ikollhom il-kapaċità li jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod adegwat;
33. Iqis li l-QFP futur għandu jipprovdi l-oġhla livell ta' prevedibbiltà u flessibbiltà sabiex jiġi sfruttat b'mod sħiħ; iqis barra minn hekk li l-QFP futur għandu jiggarrantixxi li kwalunkwe bilanċ pożittiv li jirriżulta mis-sottoimplimentazzjoni tal-baġit tal-UE u mid-diżimpenji li jirriżultaw minn nuqqas ta' implimentazzjoni għandu jerġa' jsir disponibbli fil-baġit tal-UE.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	11.1.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 -: 9 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bendt Bendtsen, Xabier Benito Ziluaga, José Blanco López, David Borrelli, Jonathan Bullock, Reinhard Bütikofer, Jerzy Buzek, Edward Czesak, Fredrick Federley, Ashley Fox, Theresa Griffin, Hans-Olaf Henkel, Eva Kaili, Kaja Kallas, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Janusz Lewandowski, Edouard Martin, Angelika Mlinar, Csaba Molnár, Nadine Morano, Aldo Patriciello, Miroslav Poche, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Patrizia Toia, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Martina Werner, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Anna Záborská, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Michał Boni, Mario Borghezio, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Werner Langen, Morten Løkkegaard, Florent Marcellesi, Marian-Jean Marinescu, Rupert Matthews, Clare Moody, Răzvan Popa, Dennis Radtke, Michèle Rivasi, Sofia Sakorafa, Anneleen Van Bossuyt
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Max Andersson, Ingeborg Gräßle

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

45	+
ALDE	Fredrick Federley, Gerben-Jan Gerbrandy, Kaja Kallas, Morten Løkkegaard, Angelika Mlinar, Lieve Wierinck
ECR	Edward Czesak, Zdzisław Krasnodębski
PPE	Bendt Bendtsen, Michał Boni, Jerzy Buzek, Ingeborg Gräßle, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Janusz Lewandowski, Marian-Jean Marinescu, Nadine Morano, Aldo Patriciello, Dennis Radtke, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Hermann Winkler, Anna Záborská
S&D	José Blanco López, Jens Geier, Theresa Griffin, Eva Kaili, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Edouard Martin, Csaba Molnár, Clare Moody, Miroslav Poche, Rázvan Popa, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho

9	-
EFDD	David Borrelli, Jonathan Bullock
ENF	Mario Borghezio, Christelle Lechevalier
VERTS/ALE	Max Andersson, Reinhard Bütikofer, Florent Marcellesi, Michèle Rivasi, Claude Turmes

7	0
ECR	Ashley Fox, Hans-Olaf Henkel, Rupert Matthews, Anneleen Van Bossuyt
ENF	Barbara Kappel
GUE/NGL	Xabier Benito Ziluaga, Sofia Sakorafa

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni